MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali – Il-Gudja

# IT-TMIEN LEĠISLATURA

# Laqgħa Numru 30/8

It-Tlieta 21 ta' Lulju 2020

Il-Kunsill Lokali tal-Gudja ltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 88, Triq Raymond Caruana, il-Gudja fil-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Dr. Marija Sara Vella – Sindku
John Mary Calleja – Vici Sindku
Stefan Caruana – Kunsillier
Mark Anthony Sammut – Kunsillier
Maria Micallef – Kunsilliera

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Nil

ASSENTI

Nil

UFFIĊJALI PREŻENTI:

Lara Mascena - Segretarju Eżekuttiv

AĠENDA

030.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

030.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti (28(08) 22/6/2020, 29(08) 30/6/2020)

030.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

030.4 Immaniggjar ta` traffiku fil-Gudja;

030.5 Skart domestiku;

030.6 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

030.7 Rapporti;

030.8 Temi oħra tal-Kunsill Lokali;

a. Triq iż-Żebbuġa – progress
b. Triq J. Pace, Triq id-Dejqa u Triq Sta Katarina - progress
c. Miżura 4.3 – Triq tal-Lampat, Triq Victor Pasmore u l-area Ta' Loreto - progress
d. Ġnien Raymond Caruana – progress
e. Ġnien Ġlormu Cassar – progress

030.9 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;

030.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

---

# Minuti

## Tmexxija u ftuħ tal-laqgħa

Is-Sindku Dr. Marija Sara Vella ppresidiet il-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fis-sitta neqsin kwart ta` filgħaxija (5.45pm) wara talba qasira minn dawk kollha preżenti.

## 030.1. Qari tal-ittri ta' apoloġiji

Is-Sindku nfurmat lil dawk preżenti li ma kienx hemm ittra ta` apologija.

## 030.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti (28/8 [22/06/20], 29/8 [30/06/20])

Dawn il-minuti 28/8 u 29/8 ġew iċċirkulati qabel il-laqgħa tal-Kunsill u ġew meħuda bħala moqrija

Il-Kunsill b'vot unanimu approva dawn il-minuti nru 28/8 u 29/8 nem con.

**030.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

030.3.1 Is-Sindku ghamlet referenza ghall-laqgha li saret ma` rapprezentanti ta` IM dwar diversi temi u xoghlijiet li qed isiru fil-Gudja.

Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti li ghal din il-laqgha flimkien maghha u mas-Segretarju Ezekuttiv attendew il-Kunsillier S Caruana u l-Project Leader tal-Progett tal-Mizura 4.3, is-Sur JM Formosa.

Is-Sindku ziedet tghid li waqt din il-laqgha giet diskussa l-problema tal-ilma tax-xita li qed imur ghal go toroq rurali. Il-Kunsill flimkien mall-periti tal-IM qabblu li jsiru culverts fi Triq Victor Pasmore biex b`hekk l-ilma tax-xita jibqa` sejjer gol-gibjuni tal-ghelieqi. Is-Sindku talbet biex nkellmu lis-sidien tal-ghelieqi dwar dan.

Is-Sindku ghamlet referenza ghax-xoghlijiet li saru minn IM fi triq li ma kelliex isir mall-progett 4.3. fejn qalet li l-IM ser tibghat il-BOQ`s ta` din it-triq biex b`hekk il-Kunsill jaghzel triq ohra biex isir ekwivalenti ghat-triq li saret. Is-Sindku ziedet tghid li hija kienet propniet li ssir Triq l-Gholljiet biex isir bl-asphalt bhal Triq Bur Glat. Skond l-IM il-problema biex isir din it-triq hija li qatt ma kellha wicc. Is-Sindku proponiet li ssir Triq Habel Watti, fejn il-Kunsill S Caruana qal li hemm parti minn din it-triq hija privata. Il-Vici Sindku JM Calleja propna li jsir Sqaq il-Logga.

Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti li waqt ix-xoghlijiet li qed isiru fi Triq tal-Lampat nstab qabar.

Is-Sindku nfurmat lill-dawk prezenti li l-belveder (il-parti ta` wara tal-kapella ta` Loretu) ser isir bl-asphalt mill-IM u ser isiru xi planters.

Is-Sindku ghamlet referenza ghall-proposta li saret mill-kunsillier S Caruana sabiex quddiem il-kappella ta` Loretu jsir bil-pavimentar flok bl-asphalt u dan sabiex jaghti dehra isbah lil din iz-zona. Is-Sindku ziedet tghid li dan ix-xoghol ta` pavimentar ma jsirx mill-IM u ghalhekk il-Kunisll ser jaghmel talba lill-Ministru Dr. Ian Borg sabiex dan ix-xoghol isir mill-haddiema tal-Public Works.

Dr. Vella nfurmat lil dawk prezenti li Triq il-Kappella, Triq Bir Miftuh u Triq P. Cagliardi ser isiru mill-IM. Is-Sindku propniet ukoll sabiex il-Kunsill jitlob lill-IM biex isir l-ahhar parti ta` Triq Mons Pawlu Mallia.

Is-Sindku ghamlet referenza ghar-Ring Road fejn qalet li l-Kunsill tkellem mas-Sur Formosa, l-persuna li qed tiehu hsieb dan il-progett. Il-Kunsillier S Caruana propona li jsir gibjun meta triq tkun ser tinfetah.

Is-Sindku ghamlet referenza ghax-xoghlijiet li saru fi Triq R.Caruana, fejn l-perit ta` IM nforma lill-Kunsill li testijiet ma gewx tajbin u li ghalhekk x`aktarx din it-triq ser ikollha terga` tinqala.

030.3.2 Is-Sindku prezentat korrispondenza li l-Kunsill ircieva minghand residenta li toghqod Triq San Pawl, il-Gudja, fejn nfurmat lill-Kunsill dwar is-sitwazzjoni ta` ilma li qed johrog minn go kanna u li qed jispicca jieqaf quddiem ir-residenza taghha. Il-Kunsillier S Caruana qal li l-Kunsill kellu dritt

ifittex il-kuntrattur li ghamel it-triq peress li xoghol ma sarx sewwa. Is-Sindku talbet sabiex il-Kunsill jitlob lill-IM sabiex din it-triq isir minnhom.

030.3.3 Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti li l-haddiema tal-Kunsill qed jaghmlu diversi xoghlijiet ta` tindif madwar il-lokalita fosthom qtugh ta` haxix.

030.3.4 Is-Sindku proponiet sabiex il-Kunsill jitlob lill-Cleansing and Maintenance Unit biex jipprovdielna litter and cigarette bins biex jinbidlu ma` dawk ezistenti fi Gnien Raymond Caruana. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

030.3.5 Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti li tkellmet mas-Sur Michael Cohen dwar is-sitwazzjoni ta` Triq il-Kbira u Traffic Management ghal fatt li qed tiehu wisq fit-tul.

030.3.6

Giet prezentata korrispondenza li l-Kunsill ircieva minghand l-AKL dwar is-sitwazzjoni tal-hamiem selvagg fil-lokalitajiet. Il-Kunsillier S Caruana u l-kunsillier MA Sammut prezentaw punti biex tigi preparata bye law mill-avukat tal-Kunsill sabiex ikun hemm multi ghal min jitma l-hamiem. Is-Sindku proponiet ukoll sabiex l-Kunsill jara jekk hux possibli li tigi utilizzata sonar u xi gaggeg biex titaffa din il-problema.

18:56hr Il-Kusillier MA Sammut talab sabiex jigi skuzat mill-laqgha.

030.3.7 Giet prezentata korrispondenza mibughta minn TM dwar approvazzjoni ta` stop sign fi Triq I l-Ghelejjel ma` Vjal it-Torri

030.3.8 Prezentata talba biex tigi rilaxxata garanzija bankarja ta` xoghlijiet li saru fi Triq San Pawl 34/36. Is-Sindku talbet biex ninfurmaw lill-perit tal-Kunsill.

030.3.9 Giet moqrija korrispondenza li ntbghatet minghand residenta fi Sqaq Nru 3 Triq Santa Katerina, dwar mghaqqad ta` ilma li qed ikun hemm quddiem ir-residenza taghha. Is-Sindku proponiet li nitolbu lill-IM jinkludi max-xoghlijiet li qed isiru dawn iz-zewg sqaqien li jinsabu f`din it-triq u l-Kunsill jaghmielhom bil-pavimentar biex ikun progett holistiku. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk prezenti.

030.3.10 Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti li TM ma approvax it-talba biex isir bollard fi Triq San Mark.

030.3.11 Gie prezentat suggeriment minn resident dwar junction box u keep clear f`Dawret il-Gudja u Triq Hal Tarxien. Il-Kunsill qabel li dan il-proponiment jintbghat lill-TM ghall-parir.

030.3.12 Prezentata korrispondenza li ntbghatet mill-ERA sabiex il-Kunsill jkun ta` ghajnuna ghall-dawk il-persuni li ma jkollhomx access ghall-internet kull meta ssir Konsultazzjoni Pubblika bis-sistema online. Dwar dan il-Kunsill approva li joffri l-ghajnuna tieghu.

030.3.13 Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti li l-Kunsill kien applika ghall-skema LC Care Project li kienet taghlaq fis-17 ta` Lulju 2020.

030.3.14 Prezentata korrispondenza dwar talba sabiex isir stop sign fi Triq J. Gravina. Il-Kunsillier S Caruana propona ukoll sabiex it-tieni parti ta` Triq J.Gravina ssir one way halli min ikun gej minn Triq Hal Tarxien ghal Triq J.Gravina idur ghal Triq l-Awrikarja u b`hekk jigi evitat li jsir incident f`salib it-toroq. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk prezenti u s-Sindku talbet sabiex ninfurmaw lill-TM dwar din id-decizjoni.

030.3.15 Prezentata korrispondenza li l-Kunsill ircieva minghand l-Arcipriet sabiex il-Kunsill jghin finanzjarjament biex jinxtraw xi bozzoz u jinbidel xi wiring (sistema tad-dawl) ta` barra tal-Knisja. Is-Sindku proponiet sabiex il-Kunsill jitlob lill-Arcipriet igib il-kwotazzjonijiet biex naraw xi spejjez hemm biex il-Kunsill ikun jista` japprova.

030.3.16 Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti li hemm bzonn li jinxtara aircondition gdid ghall-Librerija Pubblika. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk prezenti.

## 030.4 **Immaniggjar ta` traffiku fil-Gudja**

Dan l-item gie diskuss fil-Komunikazzjoni mis-Sindku.

## 030.5 **Skart domestiku**

Il-Kunsillier S Caruana qal li l-kuntrattur tal-gbir ta` skart qed ihalli diversi zjut u likwidi ohra meta jaghsar bil-konsegwenza li jtebba` l-art u jithallew rwejjah. Is-Sindku qalet li l-Kunsill ser jinforma lill-kuntrattur dwar dan ghalkemm mhux l-ewwel darba li ngibdet l-attenzjoni.

## 030.6 **Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

030.6.1 Il-Kunsillier S Caruana talab sabiex ninfurmaw lill-kuntrattur sabiex jitbattlu litter bins ta` quddiem l-iskola primarja.

030.6.2 Il-Kunsillier MA Sammut informa lil dawk prezenti li l-klassijiet tal-pilates ser jitkomplew mis-6 ta` Awwissu 2020.

030.6.3 Il-Vici Sindku JM Calleja talab sabiex isir rapport mall-Maltapost minhabba li l-pustier qed jitla` fuq il-bankina bil-mutur u jitla` one way minn Triq San Ciru.

030.6.4 Il-Kunsillier S Caruana propona sabiex quddiem il-kazin tac-Cintura ssir tabella li tindika sabiex il-vetturi jipparkjaw l-exhaust pipe `il barra. Dwar dan kien qbil minn dawk prezenti.

030.6.5 Il-Kusillier S Caruana nforma lil dawk prezenti dwar il-covers tal-plastik li qed isiru mill-kuntrattur li qed jintuzaw biex jinghalqu l-bokkok min fejn qed jinghaddu servizzi. Is-Sur Caruana propona jekk hux possibli li l-Kunsill ihallas lir-residenti tal-covers tal-hadid li qed jixtru huma biex ibidluhom ma` dawn tal-plastik peress li huma aktar sodi peress li jghaddu l-vetturi minn fuqhom. Is-Sindku qalet li l-ebda resident ma gie jaghmel din it-talba lill-Kunsill biex ihallas u jaghmel tajjeb ghal dawn il-covers.

030.7 **Rapporti**

Ma kienx hemm.

030.8 **Temi oħra tal-Kunsill Lokali;**

a. Triq iż-Żebbuġa – progress

Dr. Vella nfurmat lil dawk prezenti li matul din il-laqgha giet diskussa Triq iz-Zebbuga, fejn talbet sabiex din it-triq tigi nkluza mall-lista ta` toroq biex isiru mill-IM. Is-Sindku proponiet li l-Kunsill ghandu jibghat lill-IM sabiex din isir minnhom u l-Kunsill jaghmel il-pavimentar taghha.

b. Triq J. Pace, Triq id-Dejqa u Triq Sta Katarina – progress

c. Miżura 4.3 – Triq tal-Lampat, Triq Victor Pasmore u l-area Ta' Loreto - progress

d. Ġnien Raymond Caruana – progress

e. Ġnien Ġlormu Cassar – progress

Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti dwar laqgha li saret mas-Sur Camilleri u s-Sur Bugeja mill-Ministeru ta` Turizmu li qed jiehdu hsieb il-progett tal-Gnien Gilormu Cassar. Is-Sindku qalet li laqgha kienet dwar id-devoluzzjoni tal-Gnien u minhabba l-meters ta` dawl u l-ilma. Is-Sindku

sostniet li l-Kunsill ma ghandhux ghalfejn jiehu devoluzzjoni ta` dan il-gnien u jhallas il-kontijiet ta` dawl u ilma,liema spejjez jammontaw ghall-ammont sostanzjali fis-sena. Dr. Vella ziedet tghid li l-Ministeru minn naha tieghu ma jsirux kontijiet fuqhu u ghalhekk il-Kunsill ser jiccekja jekk il-meters jisghtux jigu fuq Lands Authority jew fuq entita ohra tal-Gvern. Is-Sindku ziedet tghid li rigward il-kwistjoni tas-sigra taz-zebbug, din mhux ser tinqala` mill-Gnien.

Waqt din id-diskussjoni gie proponut sabiex hekk kif qed jinqala` l-Gnien, il-Kunsill jahseb biex jaghmel monument ta` Gilormu Cassar. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk prezenti.

030.9 **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta` pagamenti**

l-lista ta' pagamenti nru 15/8 kif ippreżentata ġiet ipproponuta mill-Vici Sindku JM Calleja u ssekondata mill-Kunsillier S Caruana għall-ammont totali ta' €21,390.11 u ġiet approvata nem con.

030.10 **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Il-Laqgha ntemmet fit-tmienja neqsin kwart ta` filghaxija. Is-Sindku aġġornat l-laqgħa għal nhar it-Tlieta 18 ta` Awwissu 2020 fil-5.30pm fuq aġenda li tiġi ċċirkulata għand il-Kunsilliera kollha qabel il-laqgħa.

Konfermati, illum Tlieta 18 ta` Awwissu 2020

| | |
|---|---|
| ffirmati | ffirmati |
| Dr. Marija Sara Vella | Lara Mascena |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |